MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Numru 11/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Vella bin Francis u Vittoria nee' Zammit imwieled fis-16/01/1938 u residenti Dar Ghall-Kwiet, Triq l-Gharus, Xewkija, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' 12438(G)**

**U**

**Joseph Mark Mercieca bin Joseph u Catherine nee' Cauchi, imwieled 22/09/1974 residenti St. Joseph, Triq Ghammar, Ghasri, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita 20574(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati Joseph Vella u Joseph Mark Mercieca akkuzati talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda qabel l-10.08.2005 bhala sid tal-fond Country Club, Triq iz-Zewwieqa, Ghajnsielem, Ghawdex, u bhala persuna li fuqu huwa irregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqi li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker, ikkometta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dana il-kaz huma s-segwenti. Illi l-imputat Joseph Mark Mercieca jiggestixxi ir-*restaurant* bl-isem "Country Club" gewwa Ghajnsielem, liema fond huwa jikri minn ghand l-imputat l-iehor Joseph Vella. Vella ghalhekk ma ghandu xejn x'taqsam mal-gestjoni ta' dana il-fond izda huwa l-persuna indikata bhala *registered consumer* fuq il-meter tad-dawl li hemm installat f'dan il-fond li huwa in parti dar residenzjali  u in parti iservi bhala restaurant. Illi rappresentanti tal-Enemalta Coporation ghamlu *surprise inspection* f'dana il-fond nhar l-10 ta' Awwissu 2005 fejn hemmhekk sabu xi irregolaritajiet fis-sigilli l-blu tal-*base cover* tal-meter tad-dawl. Ghalhekk peress illi kien hemm suspett illi kien qed isehh serq tal-kurrent elettriku, il-pulizija gew infurmati bil-kaz u saret inkjesta magisterjali.

Illi l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti, fl-atti tal-inkjesta, Dr. Kevin Mompalao, li kkonferma r-rapport tieghu f'dawn il-proceduri ighid illi minn ezami tal-meter in kwistjoni, li huwa wiehed tat-*three phase* tal-marka Iskra bin-numru 15466878, li gie immanifatturat fl-1991,  rrizulta illi l-irregolarita principali f'dana il-kaz kienet tikkonsisti fi tbghabis tas-sigilli l-blue tal-*base cover* bin-numri 075805

u 075801. Ighid illi mill-kostatazzjonijiet illi ghamel osserva illi dawn is-sigilli kellhom ghefiesi u qris fuq ir-ras taghhom, u kienu ukoll imbewqin. Illi wiehed mill-erbgha sigilli il-kannella u cioe' dak bin-numru 0306305 kien miksur cioe' miftuh. Izid ighid ukoll illi meta infethet il-*base cover* tal-*meter* deher illi tnejn mix-*shunts* tal-*phases* homor u sofor kienu imcaqilqin lateralment b'mod li ma kenux qed jaghmlu kuntatt mal-vit li tahthom suppost marbutin. Meta imbaghad infethu l-*fuses* tal-*blue phase* u cioe' dak li kellu is-sigilli miksur kien jidher bridgjat bil-*copper wire*. Fl-opinjoni tieghu l-espert ighid is-segwenti:

"L-irregolarita principali f'dan il-kaz kienet tikkonsisti fi tbaghbis tas-sigilli l-blue tal-base cover, ftuh tax-shunts u tbghabis ta' wiehed mill-fuses tas-service box.

Dwar il-fuse, li kien bridged, fl-ewwel lok jinghad illi l-bridging tal-fuse imur kontra safety standards, pero' ma jikkostitwix fih innifsu kaz ta' serq. Jista' jindika pero li infetah il-fuse carrier, b'esposizzjoni ghal diversi tipi ta' serq. Wiehed mis-sigilli fil-fatt kien maqtugh. L-iehor wara li gie ezaminat bir-reqqa kellu sinjali ta' ghefiesi fuqu li kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel jistghu jindikaw illi xi darba gie miftuh. Minn hawn seta facilment sar serq ta' kurrent elettriku billi jigi inserit wire li jaghmel bypass lill-meter u minn gewwa s-service box imur direttament ghal gewwa id-domestic panel.

L-irregolarita l-ohra kienet tikkoncerna it-tbaghbis tas-sigilli tal-blue base cover li kellhom ghefiesi u qris superficjali fuqhom kif ukoll kolla mar-ras taghhom, u ix-shunts ta' zewgt phases cioe' l-ahmar u l-isfar miftuhin u mcaqalqin.

Dwar dak li nstab fis-sigilli  jinghad illi dan it-tibwieq u dawn l-ghefiesi ta' lewn aktar bajdani ma huma xejn regolari u ifissru illi s-sigill gie sottomess ghal pressjoni biex jinfetah. Normalment l-mod kif jinfethu dawn is-sigilli huwa billi jigu sottoposti ghal shana (bhal hair dryer) u meta l-plastic jerhi jinqarsu anke manwalment u jinfethu. Wara s-sigill jerga' jinghalaq b'mod normali, pero' l-parti msahhna qatt ma terga' tigi lura kif kienet mija fil-mija, u jew tibqa' imbewqa, jew jibqa immarkat il-qris fuqha.

Jiddependi mbaghad kemm ikun professjonali min jiftah is-sigilli b'dan il-mod, hemm kazi fejn dawn l-ghefiesi u tibwieq ikunu cari jew anke grossolani, u kazi ohra fejn l-irregolarita' tkun mohbija hafna tant illi jista' jkollok dubbji fuqha. Pero' xi sinjal zghir kemm u zghir ikun hemm dejjem.

Sigill normali u li ma jkunx tbaghbas ma jista' qatt jinfetah. Gialdarba dan jinghalaq irid jinqata' bil-fors. Dan minhabba li s-snien tieghu li qeghdin f'ghamla ta' vlegga jidhlu gol-parti l-ohra tas-sigilli u hemmhekk isibu ihnuk fil-gnub li ghalkemm jippermettulhom jidhlu ma jippermetulhomx li johorgu. It-tbewwieq li deher fuq dahar dawn is-sigilli kien evidenti li s-sigill gie imwessgha. Jekk jigri dan imbaghad s-sigill ikun jista' jinfetah fácilment."

Ikompli:

"l-ahjar mezz kif wiehed jista' jiftah dan is-sigill bl-inqas hsara possibbli huwa permezz tas-shana. Is-sigill jigi espost ghal certa shana, b'mod li l-materjal tieghu jirtab u imbaghad ir-ras tas-sigill tkun tista tinghafas anke semplicement bejn is-swaba ta'l-id u jkun ferm facli li s-sigill jinfetah. Is-shana li tinghata ma tridx tkun wahda qawwija hafna … ghaliex inkella s-sigill jinhall. Ghalhekk generalment li jintuza hija s-shana ta' hair dryer jew apparat simili.

Meta sigill jigi trattat b'dan il-mod imsemmi fil-paragrafu ta'qabel dan u jinfetah generalment ihalli snuk u tbewwiq simili ghal dawk li nstabu fuq is-sigilli tal-meter in kwistjoni. Meta imbaghad isir kollox u s-sigill jerga jiksah ikun xi ftit difficli jekk mhux impossibli li terga iggibu kif kien, u generalment jibqa' xi ftit imbewwaq, u qatt ma jerga' jigi ssiggillat kif kien, b'mod illi bi ftit attenzjoni u pacenzja tkun tista' terga tiftah is-sigill.

Jidher car illi s-sigilli tal-meter in kwistjoni kienu aktarx esposti ghal trattament simili. Is-sigilli imwahhla mill-Enemalta qatt ma jkunu danneggjati u dawn jigu ittestjati minn diversi idejn qabel ma jitwahhlu.

Pero’ irid jinghad illi ghakemm dan huwa il-kaz l-aktar komuni u aktarx probabbli fil-kaz odjern mhux eskluz illi setghet intuzat xi ghodda, jew xi metodu simili iehor.

Fil-kaz in ezami is-sinjali li dawk iz-zewgt sigilli blu infethu, b’dan il-mod jew b’mod iehor simili kienu superficjali pero’ tali li wiehed jinnotahom. Biex ikompli jikkonferma dan, dawn is-sigilli kellhom il-kolla mar-ras taghhom li aktarx intuzat biex is-sigill jerga’ jinghalaq sew.

Ghalhekk jirrizulta illi dawn iz-zewgt sigilli gew miftuhin. B’dawn is-sigilli miftuhin, il-base meter setghet tinfetah facilment.

Bil-base cover miftuh seta jinsteraq kurrent elettriku billi jew isir bypass ta’ xi wiehed mill-phases, fejn jinsteraq average ta’ 33% minn kull phase, jew bypass tal-phases kollha fejn addirittura l-meter ma jimmarka xejn. Jistghu ukoll jinfethu jew jinhallu x-shunts ta’ xi wiehed mill-phases jew il-phases kollha, bl-istess konsegwenzi ismemmija aktar ‘il fuq f’dan il-paragrafu.

Jidher illi dan l-ahhar metodu kien fil-fatt dak uzat fil-kaz odjern, fejn in falgrante, ix-shunts tal-phase l-ahmar u dak isfar instabu miftuha. Minhabba f’hekk fuq dawn iz-zewgt phases il-meter ma kienx qed jiehu kurrent, u ghalhekk il-konsum fuq dawn iz-zewgt phases ma kienx qed jimmarka fuq il-meter.

Fil-fatt gewwa l-meter kien hemm konferma illi l-base kienet giet abuzivament miftuha u li l-iskop kien sabiex isir is-serq ta’ kurrent elettriku. Fil-fatt ix-shunts tar-red phase u tal-yellow phase, li tisupplixxi l-kurrent lil meter fir-rigward ta’ dak il-pahse partikolari kienet mahlula mill-vit li normalment jissikkha l-isfel u imcaqalqa ossia spustjata minn tahtu b’mod li ma taghmilx kuntatt mieghu. Biex sar dan ried necessarjament jinhall vit, u imbaghad wara wiehed jimbotta ix-shunt ‘l barra minn tahtu. B’dan il-mod il-provvista fuq ir-red phase u tal-yellow phase ma kenitx qed titkejjel u ghalhekk dan ifisser li circa (average ta’) sitta u sittin il-mija tal-konsum globali ma kienx jitkejjel.

Ovvjament dan sar deliberament bi skop biex jigi frankat il-konsum elettriku billi jinsteraq terz tal-kurrent. L-esponenti hawn jirrileva li dak li nstab ma setax jaghmlu bniedem komuni b'knowledge baziku fl-elettriku, izda ried ikun xi hadd kwalifikat li jaf is-sengha tajjeb.

L-esponenti jhoss illi l-fatturi misjuba fuq il-meter huma indikattivi ta' serq ta' kurrent elettriku.[1]"

Illi minn dawn il-konkluzjonijiet ghalhekk jidher illi il-meter tad-dawl mertu ta' dina l-kwistjoni kien "tampered" jew imbaghbas sabiex ma jirregistrax il-konsum tad-dawl. Illi jasal ghal konkluzjoni ukoll illi min ghamel l-alterazzjonijiet kif spjegati fir-rapport tieghu seta' kien biss bniedem tas-sengha. Illi ghalhekk, ghalkemm f'dan il-kaz il-Qorti ghadha provi skjaccanti illi l-meter ta-dawl kien intmess b'tali mod illi ma kienx qed jirregistra il-konsum tad-dawl, madanakollu ma hemmx prova fl-atti min seta' kien li ghamel dan.

Illi fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment:

" Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela, bhala "**presunzjoni feroci**" u kompliet tghid: "**La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex**

[1] Ara rapport ta' Dr. Kevin Mompalao a fol.26 et. seq.

**tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar**."

Illi mill-provi akkwizti fl-atti jirrizulta illi l-imputat Joseph Vella huwa r-*registered consumer* ta' dana il-*meter*. Jirrizulta ukoll illi huwa kien kera dik il-parti tal-fond li jintuza bhala *restaurant* lill-imputat l-iehor Joseph Mark Mercieca. Madanakollu dawn it-tnejn minn nies jichdu l-involviment taghhom. L-imputat Joseph Vella isostni illi huwa kien kera l-fond lill-imputat Mercieca fil-bidu tas-sena 2005  u dana wara li l-fond kien ilu madwar tlettax-il sena ma jintuza'.  L-imputat Mercieca ighid fil-fatt illi fis-sena 2005 huwa irranga dana il-post u xtara hafna apparat ghar-*restaurant* sabiex b'hekk huwa seta jibda jopera ftit xhur wara u cioe' f'Marzu. Ighid illi mir-restuarant li kera huwa ma ghandux access ghal dan il-*meter* tad-dawl, izda l-access huwa minn barra u ghalhekk sabiex jikseb access ghal *meter*, necessarjament irid jaghtih access ghalih l-imputat Vella. Ighid illi hekk kif beda jopera ir-*restaurant*, il-konsum tad-dawl zdied b'mod konsiderevoli tant illi kien minhabba f'dina ir-raguni illi ir-rappresentanti tal-Enemalta ghamlu l-ispezzjoni fil-post. Jinnega illi hu qatt mess il-*meter* tad-dawl.

Illi Alan Chetcuti, rappresentant tal-Enemalta isostni illi l-konsum tad-dawl zdied konsiderevolment minn wara li inbidel il-meter tad-dawl. Dana jirrizulta mid-dokumenti esebieti minnu b'mod specjali mill-graph tal-konsum li tinsab a fol. 74 tal-process u ir-*record of consumption* a fol.75. Illi l-imputat Joseph Mark Mercieca fix-xhieda tieghu jaghti spejgazzjoni li tiggustifika iz-zieda fil-konsum tad-dawl. Ma hemmx dubbju illi dana il-post ma kienx qed jigi operat qabel l-2005. Mercieca jezebixxi sett shih ta' ricevuti li jirriflettu ix-xoghol estensiv li sar f'dana il-fond u l-apparat tad-dawl li inxtara sabiex b'hekk seta jibda jopera ir-*restaurant*. Dawn ir-ricevuti huma ukoll ikkonfermati minn diversi haddiema li ghamlu ix-xogholijiet

fil-post.[2] Illi ghalhekk ghalkemm f’dana l-kaz jidher illi il-meter tad-dawl mertu ta’ dina l-kawza kien intmess jew imbaghbas sabiex b’hekk ikun jista’ jirregistra konsum inqas, madanakollu hemm zewg fatturi li ma gewx ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u cioe’:

1. jekk effettivament sehhx is-serq tad-dawl u
2. jekk dana sehh mill-imputati min kien il-mohh wara dan is-serq jew jekk kienx hemm komplicita f’dana il-kaz bejniethom.

Illi ghalkemm l-espert Dr. Kevin Mompalao jikkonkludi illi il-mod kif kien imbaghbas dan il-meter kien tali illi l-konsum ma kienx jirregistra, madanakollu ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi effettivament dana is-serq sehh. L-espert stess fix-xhieda tieghu ighid hekk:
“Jiena nista’ nahseb, milli nista’ nahseb li din kienet xi haga … illi min ghamel din ix-xi haga aktar qisu biex jahseb ghal futur milli biex jisraq attwalment ghaliex in-negozju kien ghadu qed jiftah.”

Dana ifisser illi sal-gurnata li saret l-ispezzjoni serq ta’ kurrent tad-dawl kien ghadu ma sehhx. Dana huwa issostanjzat mix-xhieda prodotti mid-difiza u id-diversi dokumenti esebieti minnha li jiggustifikaw iz-zieda fil-konsum tad-dawl minn Awwissu 2005 ‘il quddiem.

Illi inoltre, iz-zewg imputati, ghalkemm it-tnejn detenturi tal-fond kif trid il-ligi, it-tnejn jinnegaw li messu il-*meter* tad-dawl. Illi l-espert Dr. Kevin Mompalao isostni illi bniedem tas-sengha biss seta’ ghamel it-tibdiliet li kien hemm fil-*meter*. Ma jidhirx illi xi hadd mill-imputati ghandu dina l-esperjenza, ghall-inqas prova dwar dan fl-atti ma hemmx. Lanqas ma jirrizulta illi jezistu r-rekwiziti elenkati fil-ligi ghal komplicita’, kif lanqas ma huwa ippruvat illi kien hemm ‘l hekk imsejjah *common design* bejn dawn it-tnejn minn nies sabiex jikkomettu is-serq. Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata bid-dubbju dwar min mill-imputati seta’

[2] Ara xhieda ta’ Joe Bonnici, Michael Formosa, Joseph Hili, Frank Caruana u George Zammit a fols.305 et. seq.

baghbas dana il-*meter* tad-dawl jew inkella jew din kenitx giet miftiehma bejniethom it-tnejn. Ghaldaqstant ghalkemm tezisti il-presunzjoni legali illi d-detentur tal-fond huwa prezunt illi jaf b'dawn il-mezzi qarrieqa, madanakollu il-Qorti ma tistax tixhet dina l-presunzjoni fuq iz-zewg imputati jew xi wiehed minnhom biss, meta ma jirrizultax, kif diga inghad, illi dawn setghu kienu komplici fil-kummissjoni ta' dana r-reat. Jidher illi dana ix-xoghol x'aktarx sar minn terza persuna, persuna tas-sengha u ghalhekk huwa difficli biex jigi stabbilit, jekk dana kien il-kaz, min seta' ikkummissjona dana ix-xoghol. Fuq kollox minn qari tal-akkuza lanqas huwa cert min miz-zewg imputati qed jigi akkuzat bil-kummissjoni tar-reat ghaliex ghalkemm l-akkuza hija migjuba fil-konfront ta' dawn it-tnejn minn nies, madanakollu id-dicitura ta'l-istess donnu taghti x'tifhem illi l-istess qed tigi diretta biss lejn is-sid tal-fond u il-persuna li fuqu huwa irregistrat il-meter tad-dawl u cioe' l-imputat Joseph Vella.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------